MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1706/2004

**Sergio Sciberras (ID 96071M)**

**vs**

**Kenneth Borg (ID 310177M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Settembru, 2004 fejn intalab il-hlas ta' elf tlett mija u tmienja u tmenin lira Maltija u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm1388.21) bilanc ta' somma akbar, dovuti mill-konvenut u rapprezentanti prezz ta' merkanzija lilu mibjugha u konsenjata u li sal-lum mhux imhallsa, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull fattura, kollox kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fl-1 ta' Dicembru, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' elf tlett mija u tmienja u tmenin lira Maltija u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm1388.21), bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' kull fattura.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------